**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022**

**Rikors nru: 177/2022 AGV**

**JKG**

**Vs**

**MR sive R A**

**F. sive F X G**

**CAG u ID-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat tar-rikorrenti JKG , datat 12 ta' Awwissu 2022;**

1. Illi ir-rikorrenti twieled fit-Tnejn u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u sebgha u tmenin, (1987) u dan kif fic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat DOK A;

2. Illi skond dan ic-certifikat , omm ir-rikorennti hija l-intimata RRAu missieru hu l-intimat FX G

3. Illi l-intimata RA kienet mizzewga mal-intimat FX G u waqt li z-zwieg taghhom kein ghadu fis-sehh hija dahlet f'relazzjoni mal-intimat l-iehor CAG ma min kienet tghix f' koabitazzjoni de facto u minn liema relazzjoni tnisslu r-rikorrenti JKG u Ohtu;

4. Illi minhabba f'hekk meta twieled ir-rikorrenti skattat il-prezunzjoni legali li huwa tnissel fiz-zwieg u fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu tnizzel li l-intimat FXG huwa l-Missier;

5. Illi ir-rikorrenti JKG ghex u trabba ma' ommu l-intimata RA mal-intimat CAG ` u m`ohtu SZ (nee G) u minn dejjem ikkonsidra lil CAG bhala missieru u ma min ghandu relazzjoni tajba sal-illum il-gurnata;

6. Illi f` Gunju ta din is-sena ir-rikorrenti u l-intimat CAG issomettew ruhhom volontarjament ghat -test tad-DNA (dok B ) minn fejn jirrizulta li CAG hu tassew il-missier naturali tar-rikorrenti u ghalhekk dawn il-proceduri odjerni msejsa fuq evidenza inkonfutabbli;

7. Illi minkejja li l-intimati kienu jafu ben tajjeb ic-cirkostanzi kif twieled ir-rikorrenti u xi tnissel fuq ic-certifikata tat-twelid tieghu ghal raguni hadd

minnnhom ma ha l-inizjattiva biex jikkoregi dan l-izball u li kieku r-rikorrenti ma hax din l-inizjattiva u dahal fis-spejjez biex iniedi dawn l-proceduri odjerni, probabilment kein jibqa ma jsir xejn;

8. Illi l-ahhar nett ir-rikorrenti jixtieq igib a konjizzjoni ta' din L-Onorabbli Qorti li press li llum huwa ghandu hamsa u tletin (35) sena, huwa mizzewweg u ghandu zewg ulied minoreni ikoll bil-kunjom G kuntratti ecc, kollha bil-kunjom G , jixtieq li sabiex huwa u familtu ma jsofrux pregudizzju kbir, li kunjomu ma jinbidilx ghal dak tal-missier naturali tieghu u jibqa' jzomm il-kunjom ' G' kif minn dejjem jafu kulhadd.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilmet jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

I. Tiddikjara li l-intimat CAG ` huwa l-missier naturali tar-rikorrenti u mhux FXG

II. Tiddijara li r-rikorrenti jista' jzomm il-kunjom G b` effettt mid-data tat-twelid tieghu,

III. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkoregi d-dokumenti ufficalui tar-rikorrenti biex jigi rifless li CAG huwa l-missier naturali u mhux FXG

IV. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ma jaghmel l-ebda tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti,

V. Tordna li l-intimat jew min minnhom biex ihallas l-ispejjez ta din l-kawza, inkluz dawk tat-test tad-DNA.

**U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprovdi.**

**Rat ir-risposta ta' FG sive F X G datat 27 ta' Settembru 2022;**

**Billi ghandu** jirrilzuta li r-rikorrenti FXG , qatt ma rregistra t-twelid tar-rikorrent JKG u qatt ma ta l-kunsens tieghu biex tali reigstrazzjoni billi dina saret esklussivament mil-omm u ad in sapunta ta' zewgha ;

Illi l-fatt ghandhom juru bic-car li t-twelid tar-rikorrenti JKG sehh ferm 'il boghod mit-termini ta' prezunjzoni legali tal konvivenza, billi l-omm kienet ilha aktar minn sena li telqet mid-dar konjugali fejn abbandunat lil ulieha minuri z-zwieg, u hekk kienet de facto sepratata a mensa et thoro.

Illi kif jirritjeni r-rikorrenti JK l-istess J K dejjem ghex u qies lil CAG bhala missieru, u li ma hemm ebda konnessjoni ta' ebda kwalita' / mar-rikorrenti FXG

Illi qatt ma kien hemm dubju, la legali u lanqas ragenevoli , dwar il-paternita' ta' JK u l-ispejjez kollha involuti sabiex jistabilxxu dak li kien konunament maghruf u ma ghandux ibaghtihom ir-rikorrenti, billi FXG qatt ma ppretenda l-paternita' tal-istess JKG.

Illi kawza ta' repudazzjoni hija kawza ta' natura abhorrenti ghar-rikorrenti , aktar u aktar meta l-fatti juru bic-car li kellhom ikunu l-omm u l-missier naturali li jiehdu hsieb li jaghmlu l-affarijiet sew mhux jghabbu lir-rikorrenti FXG bl-ispejjez u inkargiu li jikkoregi l-izbalji jew nuqqasijiet taghhom, galadarba huma ben maghruf minnhom , u minn kull persuna ohra involuta.

Illi l-fatt li r-rikonoxximent Civili ta' status ta' paternita' u konsegwentament il-bdil ta' kunjom tar-rikkorrnti JK jista' johloq pregudizzju hija materja li ghandha tigi ben ippruvata a sodisfazzjoni ta 'dina l-Onorabbli Qorti u materja li fiha l-esponenti, ma ghandux xi jghid ghajr biss li lilu ma taghmillu ebda differenza jekk JK jibqax G jew isirx GA, stante li l-kunjom , G huwa wiehed abbastanza komuni u ghaldaqstant ma ghandux xi individwalita' li torbtu ma' FXG.

Ghaldaqstant, l-esponenti, jissometti li ma ghandu xejn x 'jikkontesta dwar l-ewwel erba' talkbniet maghmulin minn JKG fir-rikors promutur tieghu izda jopponi ruhu ghal hames talba, stante li l-ispejjez tal-kawza , filwaqt li jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tiddikjara li -rikorrenti FXG ma ghandux tort tal-akkadut u lanqas ma ghandu ibati l-ispejjez tal-proceduri, inkorsi qabel u waqt dil-kawza.
2. Illi l-istess FXG ghandu jigi rizarcitat tal-ispejjez attwali li qiegehd intortament jigi imgieghel jaghmel biex jezimi ruhu minn kull responsabilita' tal-akkadut atrui.

Daqstant ghandu x' jissotometti l-esponenti FXG , ghal gudizzju ghaqli ta' dil-Onorabbli Qorti.

**RAT IR-RISPOSTA ĠURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU, DATATA 29 TA' SETTEMBRU 2022;**

Jesponi bir-rispett u l-Avukat Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur, bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi l-attur ma ddikjarax fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed isejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrent għandu jagħmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess ġentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jeċċepixxi illi qabel ma tiġi trattata l-paternità tal-konvenut CAG , għandha tiġi megħluba l-preżunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi adegwatament jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-pussess ta' stat tar-rikorrent JKG , kif definit fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tiegħu stess;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li m'huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi fiċ-ċirkostanzi jeħtieġ illi l-attur jipprova u jissodisfa waħda mir-rekwiżiti li jelenka l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Għal dan il-għan jidher li huwa annetta mar-rikors ġuramentat tiegħu kopja tar-rapport ta' test ġenetiku illi sar u li jindika li huwa l-iben naturali tal-konvenut CAG. . Madanakollu jonqos illi tali rapport jiġi maħluf mit-tekniku li wettqu;

**5.** Illi f'każ li jiġi ddeterminat li r-rikorrent mhux il-wild naturali tal-konvenut FXG iżda huwa l-wild naturali tal-konvenut CAG l-esponent jirrileva illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi r-rikorrent JKG ;

**6.** Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, ikun xieraq li l-kliem '*wife of the said FXG'* li jinsabu fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid ta' JKG innumerat 4242/1987, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur, jiġu kkanċellati mill-istess Att tat-Twelid. Għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir talba speċifika f'dan ir-rigward, u li għandhom jiġu indikati isem u kunjom l-omm fil-mument tat-twelid tat-tarbija u kunjom xbubitha għall-finijiet ta' kompletezza;

**7.** Illi in oltre, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi missier ir-rikorrent huwa CAG u tilqa' t-talbiet attriċi, l-esponent jistieden lil CAG sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu fil-mument tat-twelid tar-rikorrent JKG, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identità tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) Il-professjoni, sengħa jew stat ieħor tiegħu fil-mument tat-twelid tar-rikorrent, (4) L-età tiegħu meta twieled ir-rikorrent; (4) Il-post tat-twelid tiegħu; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled JKG ; (6) Isem u kunjom missieru (in-nannu patern); u (7) Jekk missieru kienx ħaj meta twieled ir-rikorrent. Tali informazzjoni tkun meħtieġa sabiex eventwalment tkun tista' tiġi inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent innumerat 4242/1987;

**8.** Illi jingħad ukoll illi la darba d-dettalji tal-intimat FXG ma jidhrux biss fl-att tat-twelid tar-rikorrent JKG innumerat 4242/1987, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrent għandu jispeċifika jekk jixtieqx illi kwalunkwe tibdil li jista' jkun ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fl-att tat-twelid tiegħu jiġi rifless ukoll f'atti tal-istat ċivili oħrajn appartenenti lilu u lid-dixxendenti tiegħu. F'każ ta' tweġiba fl-affermattiv, l-esponent jirrileva illi għandha ssir it-talba appożita, fejn għandhom jiġu speċifikati l-atti li qed jintalbu korrezzjonijiet fihom, bin-numru progressiv u s-sena relattiva tagħhom;

**9.** Illi finalment, u mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**10.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li mill-ezami tad-DNA esebit fl-atti, ir-rikorrenti huwa l-wild naturali tal-konvenut CAG

Rat it-talba ghal zieda ta' zewg talbiet addizzjonali.

Rat in-nota' tar-rikorrenti, fejn gew indikati d-dettalji tal-konvenut CAG.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 14 ta' Novembru 2022;

1. Illi fit- 2 ta' Awissu 2022 ir-rikorrenti intavola rikros guramentat fl-ismijiet fuq indikati.
2. Illi fir-risposta tieghu, l- intimat Direttur Registru Pubbliku indikat li jekk isir xi zball iehor f' xi dokument ufficjali ohrajn fejn l-isem l-intimat FXG ghandu jindbiel ghal dak tal-intimat CAG din ghandha ssir talba appozita.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l- Onorabbli Qorti joghgboha;

Tawtorizza li jizdied zewg talbiet godda fir-rikors promutur ai termini tal-artikolu 175 tal- Kap 12 kif gej,

Tordna li isem FXG jinbidel b' dak ta' CAG fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent, numru progressiv 923/2013 u fic-certifikat tat-twelid ta' zewg uliedu – numru progressivi 1886/ 2016 u 2208/2022.

Tordna li c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti – numru progressiv 4242/1987, jitnehhew il-kliem 'wife of FXG', hdejn id-dettalji tal-omm isem F X G jinbidel b' dak ta' CAG' .

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li dil-Onorabbli Qorti joghgobha tipprovdi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Ir-rikorrenti, ragel adult ta' 35 sena, huwa l-wild tal-konvenuta RA , li fiz-zmien li kien twieled, hi kienet mizzewga lill-konvenut l-iehor FXG. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien legalment presunt bhala l-wild naturali ta' G u hekk kien gie registrat fic-certifikat tat-twelid tieghu. Fiz-zmien qabel ma twieled ir-rikorrenti, izda, RA kellha relazzjoni ma' certu CAG , il-konvenut l-iehor, li ghalhekk jista' jkun li jigi l-missier naturali tar-rikorrenti.

Illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob li jigi rikonoxxut il-missier biologiku tieghu, li minn test tad-DNA irrisulta li mhuwiex dak indikat fic-certifikat tat-twelid, izda fil-fatt irrisulta li hu CG. Dan it-test gie esebit fl-atti u kkonnfermat bil-gurament minn Dr Marisa Cassar, u ghalhekk din il-prova wehidha diga' taghti xejra lill-kawza li difficli wiehed jibdel. Quddiem prova xjentifika li mhijiex dibattibbli u li difficilment tista' tigi kontradetta, il-Qorti tista' timxi u tilqa' t-talbiet kif maghmula mill-istess rikorrenti. Madankollu, ma jidherx li hemm kontestazzjoni mill-partijiet dwar il-fatti, u dan ghaliex l-istess konvenut G deher f'dawn il-proceduri fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2022 u ammetta li hu l-missier biologiku tar-rikorrenti. Il-konvenut FXG dak li sa ftit taz-zmien ilu kien il-missier 'legali' tar-rikorrenti, ukoll iddikjara fir-risposta tieghu li ismu ghandu jitnehha mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti. Fl-ahhar lok, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022 dehret ukoll il-konvenuta li stqarret li qed taqbel mal-fatti kif esposti. Illi ghalhekk, mhux biss il-prova xjentifika tikkonferma dak li qed isostni r-rikorrenti, izda l-partijiet kollha qed jaqblu ma' dawn il-fatti.

Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tawtorizza t-tibdiliet fic-certifikat tat-twelid ta' JKG. Il-Qorti taghraf ukoll li llum ir-rikorrenti huwa adult, mizzewweg bit-tfal, u ilu maghruf bil-kunjom ghal dan iz-zmien kollu. Ghandu ragun jghid ir-rikorrenti li ma jibdelx kunjomu ghal dak ta' missieru biologiku. Il-Qorti qed tawtorizza wkoll it-talbiet li gew mizjuda permezz ta' rikors data 14 ta' Novembru 2022, u ghalhekk il-korrezzjonijiet u z-zidiet mehtiega fic-certifikati indikati mir-rikorrenti ghandhom isiru hekk kif mitlub u mfisser mill-istess rikorrenti.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Tiddikjara li l-intimat CAG ` huwa l-missier naturali tar-rikorrenti u mhux FXG.

Tiddijara li r-rikorrenti jista' jzomm il-kunjom G b` effettt mid-data tat-twelid tieghu,

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkoregi d-dokumenti ufficali tar-rikorrenti biex jigi rifless li CAG ` huwa l-missier naturali u mhux FXG.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ma jaghmel l-ebda tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti,

Tordna li l-intimat jew min minnhom biex ihallas l-ispejjez ta din l-kawza, inkluz dawk tat-test tad-DNA.

Tordna li isem FXG jinbidel b' dak ta' CAG fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent, numru progressiv 923/2013 u fic-certifikat tat-twelid ta' zewg uliedu – numru progressivi 1886/ 2016 u 2208/2022.

Tordna li c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti – numru progressiv 4242/1987, jitnehhew il-kliem 'wife of FX', hdejn id-dettalji tal-omm isem F X G jinbidel b' dak ta' CAG .

**L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-konvenuti MRA u CAG**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**